**QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 19 ta' Ottubru 2017**

Rikors Guramentat Nru. 181 / 16RGM

Kawza fil-lista: 14

**A C**
**vs**
**X C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur A C li permezz tieghu talab lill-Qorti:-

1. "Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghar-ragunijiet imputabbli lill-intimata X C.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri S bejn il-kontendenti konguntivament, bi dritt ta' access skond granet u hinijiet iffissati.

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tiddividi u tassenja l-istess f'zewg porzjonijiet ugwali.

4. Tapplika kontra l-konvenuta, interament jew in parte, d-dispozizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 u/jew 50 sa 55A tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-medjazzjoni kontra l-konvenuta minn issa ngunta biex tidher personalment ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata u l-kontro-talba tal-konvenuta X C li permezz taghha talbet lill-Qorti:-

1. Tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti, ghar-ragurrijiet gravi u tortijiet imputabbli esklussivament lill-intimat, fosthorn eccessi, ingurji, sevizzi, intimidazzjoni u vjolenza domestika kommessi mir-ragel fuq martu; konsegwenza ta' liema z-zwieg tkisser irrimmedjabbilment;

2. Tiffissa manteniment ghall-minuri, sakemm l-istess jghalqu t-tmintax-il serra jekk jiddeciedu li jieqfu mill-istudji taghhom u jibdew jahdmu fuq bazi full time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk jiddeciedu li jkomplu bl-istudji taghhom fuq bazi full time.

3. Konsegwentement, tordna lill-attur rikonvenzjonat sabiex ihallas il-manteniment hekk kif likwidat; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dana flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzioni tal-istess minuri;

4. Tordna li l-imsemmi manteniment kif ser jigi likwidat, ghandu jinqata' direttament mill-paga ta’ l-attur rikonvenzjonatjew direttament mis-servizzi s-socjali li huwa jista' jkun qed jippercepixxi lil-futur u jigi vversat favur l-esponenti ghall-bzonnijiet tal-minuri;

5. Tordna lill-attur ihallas nofs l-arretrati ta' l-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni.

6. Tiffissa manteniment ghall-esponenti skond l-bzonnijiet taghha u l-mezzi u d-dhul sostanzjali ta' zewgha b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u tordna li l-imsemmi manteniment kif ser jigi likwidat, ghandu jinqata' direttament mill-paga tal-attur rikonvenzjonat jew direttament mis-servizzi s-socjali li huwa jista' jkun qed jipperceprxxi fil-futur u jigi vversat favur l-esponenti ghall-bzonnijiet tal-minuri. Filwaqt li tiddikjara illi bl-agir tieghu l-intimat iddekada minn kull dritt li jitlob ghall-manteniment minghand martu l-esponenti;

7. Ixxolji u tittermina l-kornunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b’mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita data minn meta l-attur jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrenti, u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi sabiex jistmaw il-propjeta' tal-partijiet u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta’ kuratur biex jirrapprezenta lill-attur fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

8. Tiddividi l-gid l-iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mis-separazzjoni tal-assi tal-kontendenti;

9. Tillikwida l-assi parafernali u dawk dotali tal-esponenti u tassenjahom lill-istess esponenti;

10. Tordna lill-attur rikonvenzjonat jirrestitwixxi lill-esponenti l-beni u krediti parafernali u dotali taghha;

11. Tapplika in toto jew in parte kontra l-attur rikonvenzjonat l-effetti tad-dispozzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu l6 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat li hu minn issa ingunt in subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-attur rikonvenzjonat.

Rat illi fl-udjenza tal-11 ta' Lulju 2018 l-Avukat Dottor Henry Antoncich ghall-attur ipprezenta nota ta' cessjoni tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' talba attrici filwaqt lid-Dottsa. Noella Sciriha ipprezentat nota ta' cessjoni tat-talbiet rikonvenzjonali kollha u dan in vista' ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet ippubblikat fit-22 at' Gunju 2017 min-Nutar Dr Ruth Antoinete Antoncich, kopja legali ta' liema giet ezebita fl-atti mill-istess Nutar b'nota pprezentata fl-1 ta' Awissu 2017.

Rat illi b'rikors kongunt tas-26 at' Gunju 2017 il-partijiet flimkien talbu lill-Qorti sabiex it-talba ghas-separazzjoni personali maghmula fil-kawza odjerna tigi meqjusa bhala talba ghal divorzju.

Rat is-sentenza in parte fl-istess ismijiet moghtija aktar qabel illum fejn it-talba kongunta tal-partijiet giet milqugha, il-Qorti iddikjarat illi jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Kap.16, u bis-sahha tal-Artikolu 66F tal-Kap. 16 ordnat li t-talba ghas-separazzjoni f'din il-kawza titqies minflok bhala talba ghal divorzju.

Rat l-atti;

Ikkunsidrat;

Illi l-partijiet izzewwgu fit-8 ta' Awwissu 1993, u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal illum maggorenni;

Illi l-partijiet kienu sseparaw in forza ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Ruth Antoncich fit-22 ta' Gunju 2017 izda ilhom separati *de facto* ghal iktar minn erba' snin;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi,

1) Tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta’ bejn il-partijiet;

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Spejjez bla taxxa.

**Imhallef** **Deputat Registratur**